MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 202/1999/1

**Peter, Rose Buttigieg, Frank, Grace, Carmel, Maria Grima, Salvina Portelli, Carmelo, Carmela Grech, Joseph, Rita, Josephine Sammut, Mary Assunta Sammut, u Jane Grech, ilkoll ahwa Azzopardi, Rita Portelli, Esther Sacco, Elisabeth Vella, Maria Concetta Galea, Rose Monroe, Joseph u Frank ahwa Azzopardi.**

**v.**

**Joseph Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**FATTI TAL-KAZ**

1. L-appell in ezami ghandu x'jaqsam ma' dritt ta' komproprjeta` vantat min-naha ta' l-atturi appellati fuq qabar immarkat bin-numri 181 u 182 li jinsab kollokat fic-Cimiterju tan-Nadur, liema cimiterju jappartjeni lill-Knisja kolleggjata ta' dak ir-rahal.

L-atturi qeghdin jikkontendu li dan il-qabar jappartjeni bi dritt lid-dixxindenti kollha tal-mejjet Francesco Azzopardi, li fil-fatt kienet l-ewwel persuna li ndifnet fih.

Min-naha l-ohra, l-konvenut (appellant odjern) jikkontendi li dan il-qabar huwa unikament tieghu u li dan huwa hekk billi akkwistah b'wirt minghand iz-ziju tieghu Giuseppe Azzopardi (ara testment Dok C a fol 35 tal-process) li a sua volta kien l-eredi universali ta' ohtu xebba Tereza Azzopardi (ara Dok B, a fol 34 tal-process). Skond il-konvenut din Tereza Azzopardi kienet akkwistat formalment it-titlu ta' l-imsemmi qabar *quo* proprjetarja.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2.1. B'decizjoni moghtija fid-9 ta' Mejju 2002, l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-qabar 181 u 182 fic-cimiterju tan-Nadur Ghawdex, huwa proprjeta` tal-kontendenti kollha ghaliex kien gie akkwistat fl-interess ta' Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu bis-sahha tal-preskrizzjoni ta' erbghin sena.

2.2. Dik il-Qorti *inter alia* rriteniet illi t-trasferiment tal-qabar favur Frangisk Azzopardi qatt ma kien gie konkluz u li l-ftehim li sar sussegwentement fl-1966 ma' bintu Tereza Azzopardi ma kienx validu ghaliex ma kenitx giet miksuba l-approvazzjoni ta' l-Isqof Djocesan. Il-Qorti inoltre ziedet illi l-ebda wahda mill-partijiet kontendenti ma kellha titolu validu fil-ligi ghaliex il-ligi civili taghna tirrikjedi l-kuntratt pubbliku ghal kwalunkwe trasferiment ta' proprjeta` immobbli, bhal ma hu qabar. Ziedet, izda, li dan kien kaz fejn certament kienet tapplika l-preskrizzjoni akkwizittiva

peress illi l-Kurja kien ilha li spussessat ruhha mill-imsemmija proprjeta`.

Fl-ahharnett ikkonkludiet illi l-preskrizzjoni ta' erbghin sena ai termini ta' l-Artikolu 2144 tal-Kodici Civili setghet biss tapplika favur id-dixxendenti kollha ta' Francesco Azzopardi li kien gie fil-pussess tal-qabar *de quo* fl-1958 u li in segwitu l-kontendenti kollha, *qua* dixxendenti tieghu, kellhom pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku kif trid il-ligi. Ghalhekk l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

3. Il-konvenut Joseph Azzopardi hassu aggravat bis-sentenza moghtija kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri u interpona appell minna ghal fini tar-revoka taghha bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4.1. L-ewwelnett l-appellant jillanja li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza korrettement in-natura tal-jeddijiet koncessi minn Parrocca fil-kaz ta' oqbra f'cimiterji parrokkjali. Huwa jispjega li l-ftehim li kien sar bejn il-Kurja u l-partijiet ma kienx wiehed ta' trasferiment ta' proprjeta` izda dritt ta' uzu ta' qabar, ghaliex il-Parrocca zzomm il-qabar bhala proprjeta` esklussiv taghha. B'hekk, skond l-appellant, il-Qorti applikat il-principji generali erronjament u donnha fehmet li fic-cimiterju l-oqbra huma meqjusa bhala porzjonijiet ta' proprjeta` privata. In sostenn tat-tezi tieghu jikkwota d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Konti Sacerdot F. Teuma Castelletti et v. Barunessa M. Sciberras D'Amico Inguanez**[1]. Ghaldaqstant jikkonkludi billi jghid li f'dawn il-kazijiet jigu biss koncessi drittijiet ta' sepoltura u t-talbiet attrici ma kellhomx jigu milqugha.

4.2. L-appellati minn naha taghhom jissottomettu li d-distinzjoni bejn id-dritt ta' sepoltura u dik ta' vigilanza ta' l-oqbra ma kenitx necessarja. L-oqbra huma drittijiet reali li jistghu jigu trasferiti kemm b'atti *inter vivos* u kemm *causa mortis*, u jigu anke dikjarati bhala parti mill-assi ghall-

[1] Qorti ta' l-Appell, deciza fis-27 ta' Mejju 1936.

finijiet tat-taxxa tal-mewt u donazzjoni. Izidu inoltre li t-terminologija uzata fl-atti pprezentati fil-kawza hija cara. Il-Kurja Veskovili bil-mod taghha riedet tbiegh u titrasferixxi l-proprjeta` tas-sepolkru u mhux id-dritt ta' sepoltura, u l-validita` o meno taghhom fil-ligi Civili hija kwistjoni ohra. Jinsistu li l-intenzjoni tal-partijiet kollha kienet it-trasferiment tal-qabar u b'hekk il-gurisprudenza citata mill-konvenut m'ghandhiex rilevanza ghall-kaz in ezami.

4.3. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li gie sottomess mill-appellant dwar dan l-aggravju mhux korrett. Kif sewwa ssottomettew l-appellati, l-iskritturi u r-rikorsi pprezentati fil-process huma cari u jitkellmu dejjem fuq <u>bejgh u trasferiment tal-qabar</u> in kwistjoni. Jekk wiehed ihares lejn ir-rikors originali, jigifieri dak ipprezentat minn Francesco Azzopardi[2], it-talba tar-rikorrent kienet "*desidera acquistare per se e per i suoi il duplo sepulcro nr 181-182...*" Fl-iskrittura, ippreparata mill-Kancillier jinghad li "*il predetto Decano Camilleri ... vende e trasferisce al suddetto Azzopardi il sepulcro posto nel Cimiterio di Nadur ... con l'onero all'acquirente di sopperire alle spese ogni tanto richieste per la dicente manutenzione di esso avello*[3]." L-istess jirrizulta minn ezami tar-rikors u l-iskrittura ffirmati minn Tereza Azzopardi[4].

Dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza li meta l-kliem mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni. Tali principju jinsab ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili. Mill-kliem fid-dokumenti hawn imsemmija jirrizulta kjarament li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jigi trasferit il-qabar u mhux li jinghata d-dritt ta' l-uzu ta' l-istess.

4.4. Ghandu jinghad ukoll illi l-kawza citata mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu ma ghandhiex x'taqsam xejn mal-vertenza odjerna. F'dik il-kawza l-atturi kienu qed jippretendu li kellhom dritt ta' komproprjeta` jew drittijiet ohra minhabba li kienu msejhin fi primogenitura, ghaliex

[2] Dok PA2 a fol. 64
[3] Dok PA1 a fol. 63
[4] Dok PA3 a fol. 65

kien hemm familjari taghhom midfuna fil-qabar li dwaru kienu qed jikkwistjonaw. L-uniku punt ta’ interess f’dik il-kawza huwa li dik il-Qorti kienet qalet li meta jigi moghti l-permess biex kadavru ta’ persuna jkun midfun f’qabar ta’ haddiehor ma jkun qed jinghata ebda dritt lill-eredi ta’ dik il-persuna fuq il-qabar. Mill-bqija dik is-sentenza ma ghandha l-ebda valur ghar-rizoluzzjoni ta’ din il-vertenza. B’hekk l-ewwel aggravju mhux gustifikat.

5.1. L-appellant imbaghad jillanja li l-azzjoni odjerna hija azzjoni rivendikatorja fejn l-atturi qed jirrivendikaw ghalihom il-proprjeta` ta’ dan il-qabar. Konsegwentement l-atturi jridu jgibu prova konklussiva u kompleta dwar id-dritt ta’ proprjeta` taghhom. Jelabora li l-unika prova mressqa mill-atturi kienet id-deposizzjoni ta’ Peter Azzopardi u xi dokumenti inkonklussivi li certament ma humiex sufficjenti biex iwasslu ghall-grad ta’ prova mehtieg, iktar u iktar meta dan jigi konfrontat mad-deposizzjoni ferm aktar preciza tieghu li spjega li kull meta ntuza l-qabar ghall-finijiet ta’ sepotura ttiehed il-permess tieghu.

5.2. L-appellati, min-naha taghhom, isostnu li din il-pregudizzjali hija zbaljata. Jghidu li fil-kawza odjerna mhux qeghda tintalab ir-rivendika tal-qabar mill-poter ta’ l-appellant izda huma qed jitolbu lill-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-qabar gie akkwistat fl-interess ta’ Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu. F’kelma wahda, l-iskop ta’ l-azzjoni hu li jigi deciz illi l-konvenut m’ghandux drittijiet fuq il-qabar ad eskluzjoni taghhom.

5.3. L-azzjoni rivendikatorja hi azzjoni reali li ghandha bhala l-oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` ta’ l-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata minghand min ikun qed jipposjediha. Ghaldaqstant l-*actio rei vindicatoria* hija diretta kontra l-possessur biex huwa jigi ordnat jirritorna l-proprjeta` lis-sid reali taghha – l-azzjoni ghalhekk timplika li l-konvenut huwa l-possessur u mhux sid il-haga. F’kelma wahda, min jistitwixxi l-azzjoni rivendikatorja qed jitlob dikjarazzjoni li huwa l-proprjetarju ta’ l-immobbli, u huwa ghalhekk li l-attur, f’kawza rivendikatorja, kif sewwa

ssottometta l-appellant, ghandu l-oneru assolut li jipprova t-titolu tieghu pjenament u b'mod konklussiv *erga omnes*.

5.4. Fil-kaz in ezami il-kliem adoperat fic-citazzjoni ma jhallix dubju dwar it-tip ta' azzjoni intentata mill-appellati. Minn ezami tac-citazzjoni jirrizulta bic-car li l-azzjoni attrici mhix wahda rivendikatorja – l-atturi fl-ebda hin ma jitolbu r-rilaxx tal-qabar mill-pussess tal-konvenut. L-azzjoni attrici hija mmirata lejn dikjarazzjoni dwar l-ezistenza ta' dritt li ghandhom huma wkoll. Huma qed jitolbu mill-Qorti dikjarazzjoni li l-qabar kien gie akkwistat fl-interess tan-nannu taghhom ilkoll u tad-dixxendenti tieghu. Jidher sew illi l-iskop taghhom mhux li jigu dikjarati sidien tal-qabar ad eskluzjoni ta' l-appellant izda li l-Qorti tiddeciedi li l-kontendenti kollha huma proprjetarji tieghu. B'hekk, kif sewwa jirrilevaw l-appellati, il-konsiderazzjonijiet u l-principji tal-gurisprudenza citata mill-appellant ma japplikawx ghall-kaz odjern. Ghalhekk dan it-tieni aggravju hu wkoll infondat.

5.5. Fit-tielet aggravju tieghu, u dan hu aggravju li jattakka proprju l-qofol tas-sentenza appellata, l-appellant jillanja li l-ewwel Qorti marret *ultra petita* dak mitlub meta kkonkludiet li l-qabar gie akkwistat bil-preskrizzjoni fl-interess ta' Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu.

It-talba attrici, jsostni l-appellant, hija fis-sens li l-akkwist maghmul minn Tereza Azzopardi sar fl-interess ta' Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu, kif jidher kemm mill-premessi u mill-provi mressqa minnhom. Jghid li una volta li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-akkwist maghmul minn Tereza Azzopardi ma kienx validu ghaliex ma sarx skond il-ligi Civili u r-rapprezentant tal-Parrocca tan-Nadur ma kienx awtorizzat, allura kellha tieqaf hemm u mhux timbarka f'indagini ohra dwar xi titolu iehor, inkluz dak tal-preskrizzjoni, li l-atturi ma qajmuhx. Izid li l-preskrizzjoni hija minn natura taghha rinunzjabbli u l-Qorti ma tistax tqajjimha *ex ufficio*.

5.6. L-appellati wiegbu li l-argument ta' l-appellant huwa skorrett u li l-Qorti ma marritx oltre t-talba taghhom. Jinsistu li l-provi u l-argumenti taghhom kienu li

kwalunkwe akkwist li sar, dana sar fl-interess ta' Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu, li minkejja li baqghu ma sarux il-formalitajiet rikjesti xorta indifen fil-qabar li kien intiz u destinat ghalih meta sar ir-rikors. Izidu li wara kien sar ir-rikors ta' Tereza Azzopardi "izda kienu x'kienu l-formalitajiet relattivi, l-qabar kellu jigi akkwistat minn Francesco Azzopardi ghalih u ghad-dixxendenti tieghu." Jghidu li dan il-ftehim kien null "u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi a tenur tat-talba attrici u cioe` li dak il-qabar huwa proprjeta` tal-kontendenti bhala dixxendenti ta' Francesco Azzopardi liema akkwist ma sarx bil-formalitajiet mehtiega bil-ligi izda bl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-uzukapjone jew ahjar il-preskrizzjoni kwarantennali".

5.7. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza patria u anke rifless espressament fil-Kodici Civili (Kap. 16) li l-Qorti ma tistax tqajjem il-preskrizzjoni *ex officio*. Infatti fid-disposizzjonijiet generali dwar il-preskrizzjoni, wara li l-legislatur jispjega x'inhi l-preskrizzjoni kemm akkwizittiva u dik estintiva fl-Artikolu 2107, fl-Artikolu 2108(2) jipprovdi li gej,

"*Tista' ssir rinunzja ghall-preskrizzjoni gia` akkwistata*"

li tista' tkun kemm espressa jew tacita, u fl-Artikolu 2111 imbaghad jipprovdi li –

"*Il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata*."

5.8. Fil-kamp civili, in fatti, fejn si tratta ta' termini ta' preskrizzjoni, a differenza ta' dak kriminali, materja ta' procedura ta' din ix-xorta m'hijiex ikkunsidrata bhala wahda ta' ordni pubbliku. Fi kliem iehor, jekk il-parti f'kawza civili taghzel li ma tqanqalx il-preskrizzjoni estintiva jew akkwizittiva, u minflok jigu sollevati eccezzjonijiet jew jigu maghmula premessi ohra fic-citazzjoni, il-Qorti ma hijiex obbligata li tissollevaha *ex ufficio*, meta lanqas biss kien hemm dibattitu quddiemha dwar dan il-punt (ara sentenza in re: **George Gatt et v. Anthony Camilleri et**, Appell Civili (Superjuri) deciz fil-31 ta' Mejju 2004).

5.9. Minbarra s-suespost, jigi wkoll rilevat li l-istess atturi f'ebda waqt ma allegaw li kienu komproprjetarji tal-qabar in forza tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Huma dejjem invece affermaw li l-qabar kien "gie akkwistat fl-interess ta' l-imsemmi Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu".

Fl-ahharnett lanqas jaghmel sens legalment li wiehed jitkellem fuq preskrizzjoni akkwizittiva ghaliex li kieku, u dan qed jinghad biss ghall-grazzja ta' l-argument, seta' jidderiva u jigi ottenut titolu fuq din il-bazi, l-azzjoni ta' l-atturi ma kellhiex *se mai* tigi diretta kontra min hu komproprjetarju maghhhom imma riedet issir kontra dik l-enti li minnha origina t-titlu taghhom, jigifieri l-Kurja ta' Ghawdex.

Ghandu ragun ghalhekk l-appellant meta jghid li l-ewwel Qorti marret *ultra petita* u kwindi dana l-aggravju qed jigi akkolt.

5.10. Peress li dak kollu li gie ritenut mill-ewwel Qorti a bazi tal-preskrizzjoni akkwizittiva huwa zbaljat, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga aktar dwar il-hames aggravju ta' l-appellant li huwa wkoll konness ma' l-effetti li ggib maghha l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva.

6. Jifdal ghalhekk li jigu trattati l-ahhar zewg aggravji li huma intimament konnessi. Il-konvenut Joseph Azzopardi, appellant odjern, jissottometti li l-ewwel Qorti bbazat l-argumentazzjoni taghha fuq ragunament ipotetiku ta' x'setghu kienu c-cirkostanzi u x'setghet kienet ir-retroxena wara l-arrangament maz-zija tieghu Tereza Azzopardi kif spjegat mill-Kancillier, liema ragjonament ma kien sorrett minn b'ebda prova u huwa bbazat biss fuq supposizzjonijiet. Imbaghad fl-ahhar pregudizzjali jghid li l-validita` tal-kitba maghmula mill-Parrocca tan-Nadur ma' Tereza Azzopardi qatt ma setghet tigi skartata kompletament mill-Qorti. Jinsisti li ma rrizulta minn imkien li tali awtorizazzjoni bil-miktub kienet mehtiega *ad validitatem* u li fi kwalunkwe kaz tali nullita` hija relattiva u setghet titqanqal biss mill-Amministrazzjoni Ekklezjastika.

6.2. L-appellati jirribattu l-allegazzjoni ta' l-appellant billi jinsistu li l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq dak

li rrizultalha u ma jistax jinghad li l-konkluzjonijiet raggunti mhumiex fondati. Izidu li dak li xehed il-Kancillier kien biss rilevanti in kwantu stabilixxa li lanqas kien hemm akkwist validu ghall-finijiet tal-Ligi Kanonika. Inoltre, dwar l-ahhar pregudizzjali ta' l-appellant, jghidu li biex tigi stabbilita l-posizzjoni legali odjerna l-Qorti bilfors kellha tidhol fil-kwistjoni tal-validita` tal-kitba maghmula fl-1966.

6.3. Jigi rilevat illi minn qari tas-sentenza l-ewwel Qorti jidher li bbazat id-decizjoni taghha principalment fuq il-provi prodotti u l-ftit dokumentazzjoni prezentati fl-atti tal-kawza. Jista' jkun izda, li hija tat aktar importanza lil dak li xehed il-Kancillier fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 (ara fol. 58 et seq tal-process), liema xiehda verament hija ipotetika, ghallinqas fejn titkellem fuq dak li seta' wassal ghar-raguni ghalfejn saret it-tieni skrittura, jigifieri dik li saret fid-29 ta' April 1966, ghaliex l-istess Kancillier jghid li din saret "<u>forsi</u> ghaliex ittendew li kien hemm xi problema fuq l-ewwel kuntratt li ma kienx gie ffirmat, din ressqet Rikors iehor lill-Kancillier bid-data tat-8 ta' Frar 1966." (sottolinear ta' din il-Qorti). Dwar dan l-ewwel Qorti rriteniet li din l-iskrittura saret "wara li ingibditilha l-attenzjoni mill-awtoritajiet ekklesjastici li l-posizzjoni dwar dan il-qabar ma kenitx regolari, ghax ma kienx sar it-trasferiment formali" – konkluzzjoni dina li ma hija sorretta minn ebda prova, lanqas mix-xiehda ta' l-istess Kancillier.

6.4. L-appellant ghandu ragun meta jikkontendi li l-Qorti ma setghetx tiskarta kompletament il-validita` tal-kitba maghmula ma' Tereza Azzopardi. Dan hu hekk ghaliex kif jirrizulta mix-xiehda tal-Kancillier, il-Kurja ma kenitx taghmel att pubbliku biex titrasferixxi qabar, izda kien isir rikors mill-individwu fejn jitlob li jakkwista l-qabar, u wara li tinghata l-awtorizazzjoni mill-Isqof issir skrittura, fejn il-qabar jigi trasferit lir-rikorrent. Mid-dokumenti pprezentati a fol. 63-65 tal-process jirrizulta kjarament li ghalkemm Francesco Azzopardi kien ghamel tali rikors, l-att finali, ghalkemm awtorizzat bid-digriet tat-3 ta' Frar 1958 (ara fol. 64, Dok PA2) ma giex finalizzat. Dwar dan il-partijiet kollha jaqblu.

6.5. Imbaghad jekk wiehed ihares lejn l-att li sar fid-29 ta' April 1966 jirrizulta li dan l-att huwa ffirmat minn Tereza

Azzopardi u anke minn Dun F. Camilleri, il-Prokuratur tal-Knisja tan-Nadur, li skond l-att kien awtorizzat b’digriet tal-11 ta’ Frar 1966 mill-Isqof, biex ibiegh u jitrasferixxi dan il-qabar. Inoltre, hemm ukoll il-firem ta’ zewg xhieda – certu Spedito Tabone u Dun Michael Attard, li skond ma qal il-Kancillier kien l-Arcipriet jew Kappillan ta’ Ghajnsielem (fol. 61). Issa skond dak li xehed il-Kancillier dan l-att sar minghajr ma’ l-Isqof iffirma l-awtorizzazzjoni. Jispjega dan billi jghid li filwaqt li f’Dok PA2 jidher li hemm il-firma ta’ l-Isqof, fid-dok PA3 (fol. 65) ma jidhirx li hemm tali firma u jghid –
“Pero` jien jidhirli li d-Dokument hu dan, suppost ghax dan jaghmlu dokument u dan id-dokument mhux iffirmat, kif nifhimha jien bhala Kancillier. Dan ahna nqisuh bhala Dokument, bhala Digriet ta’ l-Isqof u fil-fatt dan ma giex iffirmat. Per ezempju dan hu l-istess, dan hu d-Digriet li kellu, dan iffirmah l-Isqof u dan jidher li mhux iffirmat tal-11 ta’ Frar” (fol. 60).

6.6. Fl-istess deposizzjoni dan ix-xhud jikkonferma pero` li l-kliem ta’ l-iskrittura kienu fis-sens li d-Dekan Dun F. Camilleri kien awtorizzat mill-Isqof biex jaghmel dan it-trasferiment. B’hekk lanqas hemm certezza dwar dan il-punt. Inoltre, kieku stess kien hemm din il-mankanza u tali awtorizzazzjoni kienet necessarja *ad validitatem* (fatt, li kif sewwa rrileva l-appellant ma giex stabbilit), tali difett *se mai* seta’ jitqajjem biss mill-Kurja ghaliex l-iskrittura saret bejn Tereza Azzopardi u l-Kurja.

6.7. Finalment ghandu jigi precizat illi mill-kliem ta’ l-iskrittura jidher car li Tereza Azzopardi kienet dehret f’isimha u fl-interess taghha u mhux f’ isem hutha u dan minkejja li fir-rikors taghha tat-8 ta’ Frar 1966 jinghad li hija xtaqet takkwista l-qabar “*per se e per la sua famiglia*” (fol. 65). Illi dwar dan jinghad li dejjem gie ritenut mill-gurisprudenza li hija haga minn ewl id-dinja li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor.

Il-kwistjoni tal-validita` o meno ta’ l-iskrittura setghet titqajjem biss mill-Kurja u peress li rrizulta li din qatt ma ppretendiet illi l-qabar kien ghadu proprjeta` taghha, it-

talba attrici kif dedotta ma tistax tigi milqugha. Skond id-dokumentazzjoni pprezentata, il-qabar kien gie akkwistat minn Tereza Azzopardi, li halliet bhala eredi taghha lil huha Guzepp Azzopardi, u li sussegwentement dan innomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenut, appellant odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenut ghall-motivi fuq imsemmija u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------